**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Mario Buhagiar et

vs

Oxford House Ltd

CCT 190/21/MS

27 ta' Settembru 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fl-1 ta' Novembru 2021 fejn talbu lil dan it-Tribunal jikundanna l-intimat ihallashom is-somma ta' elf mitejn u hamsa u disghin euro (€1,295.00) u dan wara li xtraw compact oven minghand Oxford House li zviluppa hsarat fil-perjodu tal-garanzija, u li baqa' diffettuz nonostante diversi tentativi sabiex jigi msewwi,.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata fejn ikkonfermat illi l-forn inxtara minghand Oxford House Ltd b'hames snin garanzija u li fis-sena 2021 saru diversi interventi fuqu, tant li l-garanzija giet estiza. Fis-27 ta' April ingabar fil-workshop u gie testjat diversi drabi minghajr ma sar l-ebda intervent fuqu, u l-error qatt ma mmanifesta ruhu, pero' xorta wahda iddecidew illi jaghmlu realignment tad-door switches. F'Settembru rega' gie rappurtat error iehor, izda r-rikorrenti Shania Buhagiar irrifjutat li jsir intervent u ddecidiet li tipprocedi quddiem dan it-Tribunal. Gie osservat ukoll illi l-prodott jinsab fit-tielet sena tal-garanzija u li l-incidenzi tal-fluctuations tad-dawl li jsehhu minghajr preavviz jincidu fl-operat tal-prodott. Is-socjeta' intimata gibdet l-attenzjoni ghall-fatt illi l-prodott inxtara ghall-prezz ta' €805.09 + VAT u mhux ghall-prezz ta' €1,295.00. Fl-ahhar nett, is-socjeta' intimata osservat ukoll illi l-appliance inxtara minn Mario Buhagiar u mhux mir-rikorrenti Shania u Marylou Borg u li l-garanzija mhijiex trasferribbli lil terzil; u di piu illi r-rikorrenti qeghdin ifittxu lil Oxford House minkejja l-fatt illi Oxford House m'ghandha l-ebda relazzjoni maghhom.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ra illi l-kawza kienet giet differita ghas-sentenza ghas-6 ta' Settembru 2023.

Ra d-digriet tas-6 ta' Settembru fejn it-Tribunal issospenda l-prolazzjoni tas-sentenza minhabba konfuzjoni fl-okkju

Ra illi l-okkju gie korregut permezz tal-verbal tal-20 ta' Settembru 2023.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi jibda biex jinghad illi l-talba originali saret minn Shania u Marylou Buhagiar kontra Sandro Martinelli - Customer Services &Logistics Manager of Oxford House. Meta mbaghad is-socjeta' intimata rrispondiet, indikat lill-konvenut bhala 'Oxford House Limited'. Fl-istess risposta is-socjeta' intimata osservat ukoll illi mhux talli l-isem tal-intimat kien gie indikat hazin, izda anke dak tar-rikorrent, li kellu jkun Mario Buhagiar.

Illi dawn huma zewg eccezzjonijiet preliminari, li mhux talli thallew ghall-ahhar parti tar-risposta, izda sfortunatament ma gewx a konjizzjoni ta' dan it-Tribunal fil-bidu tal-kawza. B'danakollu, t-Tribunal jidhirlu illi kwalunkwe nuqqas min-naha tar-rikorrenti, gie sanat bil-fatt illi fir-risposta taghhom, l-intimati stess indikaw ruhhom bhala Oxford House Ltd u kkonfermaw illi kien Mario Buhagiar li xtara l-appliance kif ukoll bid-dikjarazzjoni taghhom li *'Oxford House setghet tiehu vantagg minn dan kollu biex tirribatti dan il-kaz, izda dan ma sehhx. Dan biex nuru l-intenzjoni taghna dejjem kienet li nassistu kif jixraq fejn jinqalghu prezunti diffikultajiet fil-prodotti li nbieghu ahna'*.

Illi wara li ra r-rapport tal-espert tekniku, li kkonstata l-fatt illi Mario Buhagiar ma jafx jikteb u jaqra u qies ic-cirkostanzi kollha, t-Tribunal hass illi fl-ahjar Interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja u anke in vista tal-fatt illi l-socjeta intimata ma sabet l-ebda oggezzjoni illi l-kawza tibqa' ghaddejja, ikun ahjar illi l-atti jigu korreguti u dan sar propju fl-udjenza tal-20 ta' Settembru 2023, wara li t-Tribunal issospenda l-prolazzjoni u nghata d-digriet tas-6 ta' Settembru.

Illi ghalhekk, l-eccezzjonijiet dwar l-okkju issa huma sorvolati u it-Tribunal mhux ser jiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

Ikkunsidra

Ghal dak li jirrigwarda l-mertu, jirrizulta mill-provi illi fl-20 ta' Frar 2019, ir-rikorrent Mario Buhagiar xtara numru ta' appliances minghand is-socjeta' intimata, fosthom Built-in Oven Compact ghal prezz ta' €970.01 (805.09 + VAT) li gie installat fit-3 ta' April 2019.

Dan il-prodott kien kopert b'hames snin garanzija fuq parts u labour. (Ara P5YL5Y). Inqas minn sentejn wara, il-prodott beda jinghata diversi errors. Fil-fatt f'Jannar 2021, l-appliance inghata error E8401 u gie msewwi, tant li s-sensor gie replaced. Pero' ftit xhur wara, f'April 2021, rega' nghata error iehor u din id-darba il-condrol module gie replaced. Kien hemm error iehor fis-27 ta' April tal-istess sena u l-forn ittiehed il-work shop biex jigi ccekkjat. Din kienet it-tielet darba li ssewwa l-forn u hawnhekk ir-rikorrenti talbu appliance gdid, peress ill dan kien ghadu taht garanzija. Fis-7 ta' Mejju 2021, il-garanzija giet estiza sa' Gunju 2024. Meta umbaghad rega' kien hemm error iehor f'Settembru, r-rikorrenti ghamluha cara li ma kienux ha jaccettaw l-ebda tiswija, pero' ghal darba ohra, is-sur Martinelli rega' rrifjuta li jibdel il-forn ghal wiehed gdid. Apparti minn hekk s-socjeta' intimata harget policy biex qabel jissewew l-appliances, riedu jsiru xi software updates.

Illi min-naha l-ohra, is-socjeta' intimata qieghda tikkontendi illi l-interventi kollha saru fil-perjodu tal-garanzija u skond is-service procedures kif kitluba mill-manifattur. Qal ukoll illi hemm hafna prodotti li minn zmien ghal zmien jirrikjedu software updates, ez. Computers u mobile phones u appliances li huma mghamra bil-WIFI jirrikjedu dawn l-updates. Qal ukoll illi l-fluctations tad-dawl u 'frequency interference' li jsehhu minghajr pre-avviz jinducu fuq l-operat ta' apparat elettroniku. Spjega wkoll Illi ghalkemm ir-rikorrenti indikaw il-prezz ta' €1295.00, fil-verita, l-appliance nxtara ghal prezz ta' €805.09 + VAT. Jeffrey Vella prodott mis-socjeta' intimata xehed f'dawn il-proceduri fejn ikkonferma illi l-forn kien ingabar fil-workshop u hu kien spezzjonah, pero' l-error li kien qed jaghti ghand ir-rikorrenti qatt ma manifesta ruhu. Ikkonferma ukoll illi t-tekniku li kien mar fuq il-post kien bidel il-module u fil-fatt huma gabu l-module l-antik u ma tax l-istess error.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din il-kawza ir-rikorrenti qeghdin jitolbu r-rifuzjoni tal-ammont ta' €1,295.00 wara li huma xtraw compact oven li kien diffettuz. Min-naha taghha s-socjeta' intimata qieghda targumenta illi hi minn dejjem onorat l-obbligi taghha taht il-garanzija u l-prodott kien qed jintuza.

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu rapport imhejji minn espert indipendenti, li mar fir-residenza tar-rikorrenti nhar il-31 ta' Awwissu 2022 fil-presenza tal-partijiet. Huwa talab lis-sinjura Buhagiar biex tixghel il-forn inizjalment fuq Hot Air, fejn il-forn immanifesta error E8401, u cjoe' l-istess error li minnu kienu qeghdin jilmentaw ir-rikorrenti. Sussegwentement, l-espert talab lir-rikorrenti biex tpoggi l-forn fuq Grill, bil-forn jimmanifesta error E6100. L-istess error immanifesta ruhu fuq Circuit Grill u Large Grill. Fil-fatt, matul din l-ispezzjoni, Jeffrey Vella, li kien fuq il-post, qal li fl-opinjoni tieghu l-problema kienet gejja mill-fan.

Illi l-espert ikkonkluda li m'ghandux dubju li t-talbiet rikorrenti huma totalment fondati u l-errors li l-forn perjodikament jimmanifesta, cioe' E8401 u E6100, zgur ma kienux tort tar-rikorrenti. Ikkonstata wkoll illi kienu ta lanqas erba darbiet li ntbaghtu techinicans mis-socjeta' intimata biex isolvu l-problema u l-forn anke dahhal fil-workshop.

Illi t-Triibunal jaqbel mal-konkluzjonijiet tal-espert li l-forn kien difettuz u li dan ma kienx tort tar-rikorrenti. L-argumenti tas-socjeta' intimata li dawn id-difetti setghu kienu kagunati minhabba n-nuqqas ta' software updates jew inkella minhabba l-qtugh tad-dawl minghajr preavviz, huma kollha argumenti ipotetici, ghaliex fl-ahhar mill-ahhar, anke f'Awwissu 2022, meta l-espert acceda fuq il-post, il-forn baqa' juri l-istess errors u anke errors godda, u Jeffrey Vella stess esprima l-opinjoni illi l-problema kienet gejja mill-fan.

It-Tribunal ghalhekk jidhirlu li r-rikorrenti ghandhom ragun fit-talba taghha. Pero', ghal dak li huwa l-quantum, jaqbel mas-socjeta' intimata illi l-forn inxtara ghal prezz ta' €970.00 (inkluz VAT) u mhux ghall-prezz ta' €1295.00 kif qed jitolbu r-rikorrenti. Bhala fatt il-forn intuza ghal perjodu ta' sena u disa' xhur minghajr problemi u ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi dan ghandu jigi rifless fl-ammont kanonizzat minn dan it-Tribunal Ir-rikorrenti mhumiex qeghdin jippretendu jinghataw flushom lura, izda jridu appliance gdid, minghajr problemi. Meta si stratta ta' appliance, dan huwa 'Pandora's box' u t-Tribunal ma jistax jigarantixxi li appliance gdid ikun bla problemi.

Ghal dawn il-motivi jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti u jikundanna l-isocjeta' intimata Oxford House Ltd, thallashom is-somma ta' tmien mitt euro (€800.00), jew alternattivament jaghtu lir-rikorrenti appliance gdid (compact oven) tal-istess valur. Bl-ispejjes kontra s-socjeta' intimata, li ghandha d-dritt tiehu lura l-forn difettuz wara li jsir id-debitu hlas jew li jinghata l-forn gdid.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru